MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 12/2004

Kawza fil-lista: 101

**A mart B C,**
**f' isimha proprju u ghan-nom ta' uliedha C, D, E u F, ahwa C**
**vs**
**B C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fis-7 ta' Settembru 1986, u minn dan iz-zwieg ghandhom erbat-it tfal, C [15], D [13], E [11] u Nicola [2];[1] "li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' swat, sevizzi, mohqrija u nkompatibilita' ta' karattru da parti tieghu b' rizultat li rrenda mpossibbli l-hajja konjugali

[1] Fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni fit-23 ta' Jannar 2004

ta' bejniethom"; li l-konvenut ma kienx qed imantni adegwatament lill-attrici u lil uliedhom [minuri]; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tipprocedi bl-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, bi hitja tal-konvenut; [2] tafda l-kura u l-kustodja ta' l-ulied minuri lill-attrici; [3] tordna li l-konvenut ihallas manteniment ghaliha u ghal uliedhom minuri; [4] ixxolji, tillikwida u tassenja l-kommunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet; [5] tiddikjara l-assi parafernali tal-partijiet, u tassejnahom lill-partijiet rispettivi; [6] tapplika fil-konfront tal-konvenut "l-artikoli 56, 58 u 59 tal-Kodici Civili, u senjatament li tigi moghtija lill-istess attrici l-pjena amministrazzjoni tal-beni taghha"; bl-ispejjez;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u cahad dak imputat lilu;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, ir-rapport[2] tal-perit stimatur Vincent Ciliberti, u l-affidavits prezentati,

Rat ir-rapport[3] tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Anna Mallia;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronuncja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li l-hajja konjugali bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli, minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut u kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jichad dak imputat lilu.

---

[2] Vol.1 – Fol. 99 et seq.
[3] Vol.2 – Fol.212

**Separazzjoni personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-7 ta' Settembru 1986, u f' dan iz-zwieg twieldu l-erbat-it tfal fuq indikati, u li llum tnejn biss huma minorenni, E u Nicola.

Illi tul il-hajja konjugali l-konvenut kien dominanti fuq l-attrici, b' mod li jekk ma kienx isir dak li ried hu, jew jekk haga ma' kienitx toghgbu kien jinfexx fl-attrici b' ghajjat, tghajjar u okkazzjonalment bi swat fiziku.

Il-Qorti tikkondividi l-kostatazzjonijiet u konkluzjoni tal-perit legali fis-sens li matul il-konvivenza l-attrici kienet vittma ta' vjolenza domestika, morali u fizika, u dan il-komportament, ripetut u abitwali, kien irrenda nsapportabbli ghall-attrici l-konvivenza ghall-attrici mal-konvenut. Minnkejja dan l-inkwiet matrimonjali, u s-sofferenza li kienet iggarrfet l-attrici, u minnkejja li l-flus li kien jghatiha l-konvenut ghall-hajja ma kienux iservuha [minkejja li kien jahdem l-ghelieqi parafernali ta' l-attrici], hija xorta wahda ghamlet l-almu taghha sabiex, waheda, trabbi erbat-it tfal.

Dan il-komportament tal-konvenut jikkostitwixxi 'sevizzi' fit-termini ta' l-artikolu precitat, u huwa r-raguni unika tal-firda, li allura jirrendi lill-konvenut unikament hati tal-firda.

**Kura u Kustodja**
Illi, kif ukoll sottomess mill-perit legali, ma hemmx dubju li l-interessi tal-minuri jiddettaw li dawn jibqghu fil-kura u kustodja ta' l-attrici ommhom li ilha tiehu hsiebhom mit-twelid; filwaqt li l-konvenut missierhom ikollu access ghalihom darba fl-ahhar tal-gimgha, is-Sibt/Hadd b' mod alternat, tlett sieghat kull darba, mid-9.30 am sal-12.30 pm, dawn il-hinijiet jistghu jigu varjati mill-partijiet bi ftehim bejniethom, skond l-ezigenzi tax-xoghol tal-konvenut.

**Manteniment**
Illi f' dan ir-rigward il-Qorti hi tal-fehema li l-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici, bhala manteniment ghaliha, stante li hu unikament hati tal-firda, jkun fl-ammont ta' €466 [ekwivalenti ghal LM200] fix-xahar, filwaqt li dak

dovut lill-istess attrici bhala manteniment ghat-tfal minuri jkun ta’ €140 [ekwivalenti ghal LM60] ghal kull wild minuri

Izda sakemm il-konvenut jghaddi lill-attrici l-pusses effettiv ta’ l-ghelieqi parafernali taghha sabiex din tkun tista tiggenera ntrojtu minnhom, il-manteniment dovut mill-konvenut, bhala manteniment ghall-attrici, jkun ta’ €699 [ekwivalenti ghal LM300] fix-xahar.

**Kommunjoni ta’ l-Akkwisti -**
Illi f’ dan ir-rigward, kif ukoll fir-rigward ta’ l-assi parafernali tal-partijiet, il-Qorti taghmel referenza ghall-kontenut tar-relazzjoni tal-perit legali, u precizament is-sezzjoni ntestata ‘Kommunjoni ta’ l-Akkwisti” fil-pagni numri 9 sat-13 [Appendici B] u taddotta f’ din is-sentenza l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet hemm indikati mill-perit legali; salv ghal dak fuq deciz minn din il-Qorti dwar il-quantum tal-manteniment.

Illi kopja ta’ dawn il-pagni, flimkien mal-fol.128,[4] qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti minnu. [Appendici A][5]

Illi konformament mal-premess, il-Qorti tordna li l-fond ‘Madonna tal-Grazzja’ Triq 6 ta’ Dicembru, fis-Siggiewi, stmat mill-perit tekniku fl-ammont ta’ €204,985 [ekwivalenti ghal LM88,000], ghandu jinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien tlett [3] snin, u, fin-nuqqas, wara li jghaddi dan il-perijodu, jinbigh that l-awtorita’ tal-Qorti, dejjem ghall-prezz mhux inferjuri ghas-somma fuq indikata.

Il-Qorti tordna li matul l-imsemmi perijodu ta’ tlett snin, l-attrici hija awtorizzata li tibqa’ tirrisjedi fl-istess fond flimkien ma’ l-ulied minuri tal-partijiet, ad eskluzzjoni tal-konvenut; u konformament tordna li l-konvenut jallontana ruhhu mill-imsemmi fond fi zmien gimghatjen.

Illi rigward ir-razzett, indikat mill-perit stimatur bhala “Ghalqa u Struttura f’ tad-Dikkiena”[6], u stmat mill-istess

[4] L-istima u l-pjan ta’ divizjoni ta’ l-effetti mobbli maghmula mill-perit stimatur.
[5] Fols.221 - 225
[6] Vol.2 – fols.111 *et seq.*

perit fl-ammont ta’ €74,540 [ekwivalenti ghal LM32,000] – dan il-fond ghandhu jinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien tlett [3] snin, u, fin-nuqqas, wara li jghaddi dan il-perijodu, jinbigh that l-awtorita’ tal-Qorti, dejjem ghall-prezz mhux inferjuri ghas-somma fuq indikata.

Illi r-rikavat mill-bejgh taz-zewg fondi fuq indikati, jigi maqsum ugwalment bejn il-partijiet.

Illi, kif gja fuq indikat, rigward il-kumplament ta’ l-assi tal-kommunjoni, u l-assenjazzjoni taghhom il-Qorti taghmel taddotta l-konkluzjonijiet tal-perit legali;  l-istess qed jigi deciz dwar l-assi parafernali tal-partijiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tal-konvenut;

[2] tilqa’ t-tieni talba fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Kura u Kustodja’;

[3] tilqa’ t-tielet talba fit-termini ukif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’;

[4] tilqa’ ir-raba talba fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Kommunjoni ta’ l-Akkwisti.’;

[5] tilqa’ il-hames talba fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Kommunjoni ta’ l-Akkwisti;

[6] tilqa’ s-sitt talba limitatament ghat-tieni parti.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------